MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2007

Numru 782/2007

Il-Pulizija
(Sp Pierre Grech)
vs
Alfred Schembri, iben Anthony, imwieled Birkirkara fit-28 ta’ mejju, 1963

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f’dawn il-Gżejjer, fil-21 ta’ settembru, 2007 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data –
żamm għandu f’xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu armi tan-nar u/jew munizzjon mingħajr liċenzja taħt l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta’ Malta.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-liġi tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż

li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' ottubru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-armi u munizzjon li ġew eżebiti fl-atti ta' din il-kawża. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------